MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 522/2007

**Mobisle Communications Limited**
**(C 24655)**

**Vs**

**Carmelo Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta` Gunju, 2007, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallasha s-somma ta` erba` mija u tlettax il-lira, erbgha u sebghin centezmu (Lm413.74), rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma` servizz moghti skond client contract number 10733 bejn Lulju, 2006 u Jannar, 2007.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 30 ta` April, 2007 u dawk ta` mandat ta` sekwestru pprezentat

kontestwalment ma` dana l-att, dawk ta` l-ittra ufficcjali lil banek relattiva ghall-imsemmi mandat u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta` l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-5 ta` Ottubru, 2007 meta gie pprezentat il-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta` llum u kwindi ghalhekk in-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz in-nuqqas ta` kontestazzjoni da parti tal-konvenut fil-konfront tat-talba attrici kif dedotti f'dan l-avviz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta` l-Att V ta` l-1995, it-Tribunal qieghed jilqa` t-talba u kwindi jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta` attrici, s-somma mitluba ta` Lm413.74, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta` dan l-avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kif mitluba a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------